MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Numru 593/1998

**Il-Pulizija**
**Sp Carmelo Bartolo**
**vs**
**Emmanuel Camilleri**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra Emmanuel Camilleri ta' 51 sena iben Gori u Francesca nee Agius, mwieled Qormi u residenti 24A St. Charles Street Sliema, ID 481447M.**

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-perjodu bejn it-18 ta' April 1989 u is-16 ta' Marzu 1995 b'diversi azzonijiet maghmula minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond 24A St. Charles Street, Sliema jew bhala il-persuna li kellu f'idejh l-imsmemi fond, b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinstab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghal LM129.95 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, u

ammont u akttar talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew kkaguna telf ta’ kurrent tal-elettriku u fl-ahhar nett talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Rat il-kunsens tal-avukat generali a foll 2 tal-process biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji. Rat l-interrogatorju a foll 6 tal-process fejn l-istess Emmanuel Camilleri rregistra li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji u wiegeb li mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat.

Rat il-provi kollha esebiti, inkluz l-inkjesta. Irrizulta li fuq surprise inspection li saret minn impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta fil-fond nru 24A Charles Street Sliema, instab li l-meter tad-dawl appartanenti l-istess fond, registrat fuq l-akkuzat kien imbaghbas fis-sens li instab fih kellu l-hgiega sfurzata, instab fih xi tip ta’ trab, u sahansitra anke kellu xi tertuqa go fih, dan fost tbaghbis ohra fl-istess meter kif jidher mill-konkluzjoni tal-espert William Cassar Torreggiani, liema rapport qieghed anness u formanti parti mill-inkjesta Magisterjali.

Illi l-administrative officer mal-Korporazzjoni Enemalta cioe Silvio Decelis a fol 12 et seq xehed u spjega ghala hu wasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt minn dan il-fond kien hemm serq ta’ konsum ta’ elettriku u ta’ dan hu esebixxa d-dokument SD li jikkonsisti fi breakdown of estimates u record of consumption. Spjega l-istess Sur Decelis li kien hemm dati fejn il-konsum qara biss sahansitra tlett units u qal ukoll li dan il-konsum ma seta’ qatt kien kompatibbli mal-installed load li kien hemm fil-fond in kwistjoni. Xehed hekk is-Sur Decelis fil-fatt, li kieku l-meter ma kienx fi stat li nstab qatt ma seta’ jkun hemm din id-diskrepanza bejn l-

installed load u r-record of consumption. Kompla jispjega s-Sur Decelis fil-fatti u dan dejjem mid-dokument SD, senjalament fir-record of consumption, illi wara l-ahhar sinjal rosa dak li jidher fuq ir-record of consumption u cioe mill- 15 ta' April 1995, bil-meter gdid (ghax ovjament x'hin l-impjegati tal-Enemalta sabu l-meter imbaghbas dan gie mibdul) jirrizulta mid-dati sussegwenti lil konsum huwa kompatibbli mal-istess load u cioe li hija average ta' 10 units per day. Xehed ukoll is-Sur Decelis li ebda apparat god-dar ta' l-akkuzat ma jiggustifika il-konsum ta' tlett units biss per day. Ikompli li l-istess meter fid-data tat-12 ta' Awwissu 1994 kien jaqra 9 units per day, dan jikkompara sew mal-meter il-gdid, b'hekk jien wasalt ghar-rizultat li xi mkien kien hemm xi telf ta' konsum tad-dawl.

Huwa ta' importanza wkoll dak li xehed l-istess espert tal-Qorti William Cassar Torregiani meta xehed quddiem il-Magistrat supplenti minhabba l-indisposizzjoni tal-istess espert. Dan xehed hekk :
"Mistoqsi jekk tlabtux biex nara xi kontijiet tad-dawl lill-akkuzat, nghid li nahseb tlabtu. La darba jien nizzilt li l-appliances li kellu l-akkuzat a fol 30, nikkonkludi li jien tlabtu dawn il-kontijiet. Nikkonferma li wara li wrieni l-kontijiet u rajt l-appliances, u l-wattage taghhom rajt li l-kontijiet ma dak li hdimt dak il-hin kienu vicin hafna. L-akkuzat ikkolabora mieghi. Tbaghbis u tertuqa fil-meter tad-dawl kien hemm pero ma stajtx nistabbilixxi l-perjodu li fih sar it-tbaghbis. Lill-Enemalta tlabthom ir-record of consumption. Dawn baqghu ma tawulix u billi kelli naghlaq ir-rapport ghalaqtu. Minghajr records of consumption jien ma stajtx nghid meta sar it-tbaghbis.' (ara fol ). Zied ukoll l-istess espert in ri-ezami illi meta sar l-access "….ma kienx hemm tertuqa tfixkel it-tidwir tal-meter pero gol-meter fil-qiegh kien hemm diversi tertuqiet u kont gbidt l-attenzjoni tal-impjegat tal-Enemalta li t-tertuqa ta' fuq minn dawk li kien hemm kellha t-trab fuqha jigifieri kienet ilha hemm. Dak il-hin tal-access ma kienx hemm telf tal-elettriku, il-meter kien qed idur.'

Min naha tieghu l-akkuzat Emanuel Camilleri ghazel li jixhed u spjega li hu kien ilu jghix fil-fond in kwistjoni cioe 24A St. Charles Street ghal dawn l-ahhar 30 sena. Hu

nnega kategorikament li hu qatt baghbas il-meter tad-dawl skond ir-reati lilu addebitati. Tkellem biss fuq il-fatt li kien qabbad darba electrician li jghamillu zewg fuses.

Kien ghal hekk li fil-fatt il-prosekuzzjoni talbet spjegazzjoni minghand is-Sur Camilleri, darba li hu qed jinnega li qatt baghbas il-meter tad-dawl kif kien hemm din id-diskrepanza fil-kontijiet u kif il-meter tad-dawl kellu hsara gia hawn fuq premessa. Ta’ dan pero s-Sur Camilleri ma kellu ebda spjegazzjoni pero baqa’ nsistenti ghall-fatt li hu l-meter tad-dawl qatt ma messu.  Mhux talli hekk, talli s-Sur Camilleri zied ukoll li hu qatt ma nnota diskrepanzi fil-kontijiet fil-fatti l-kontijiet kienu jkunu kwazi l-istess ghalih, qas kien ikun hemm avarija, u dan fi kliemu.  Insista fil-fatt li hu anke wera l-kontijiet lis-surveyor u li dan qabel mieghu fuq dan il-punt.

Ikkonsidrat li din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-espert taghha, William Cassar Torregiani u cioe li xi tip ta’ tbaghbis f’dan il-meter tad-dawl kien hemm u dan anke jikkonforta dak stess li xehed Silvio Decelis li ghal certu zmien il-load, record of consumption kienet wisq baxxa, u hawn qed nitkellmu per ezempju kif jidher mid-Dok. SD li nibu li l-units kkunsmati kienu baxxi, bhal 3, 5.6, 6.6 etc.

Jibqa’ l-punt pero li din il-Qorti ma gietx murija ir-record of consumption ta’ qabel id-dati 1989.  Konsum li forsi kien jikkonforta lill-Qorti izjed bhala punt ta’ paragun bejn dak li kien jikkonsma s-Sur Camilleri qabel u dak li beda jikkonsma minn- 1989 san-1995.  Punt iehor li jinkwieta ferm lill-Qorti huwa li wara li nbidel il-meter cioe min-1995 cioe iktar taht mil-linja r-roza tad-dokument record of consumption esebit mis-Sur Silvio Decelis, jidhru wkoll zewg konsumi wiehed ta’ 9.5 u l-iehor ta’ 9.9 u dan l-inkwiet jizdied meta wiehed ihares lejn il-konsum ta’ qabel il-linja r-roza u jara per ezempju li fis-sena 1994 hemm konsum ta’ 9.1 u dak ta’ qablu ta’ 8.6.

Il-Qorti diga esprimiet ruhha u qalet li hija kovinta li xi tip ta’ tbaghbis kien hemm f’dan il-meter in kwistjoni.  Li mhux konvinta pero li forsi dan it-tip ta’ tbaghbis kien jestendi

sal-guranta li jinbidel l-istess meter. Fil-fatti xi l-konsum precedenti ghall-istess bdil huwa vicin ghall-konsum ta' wara il-bdil tal-meter.

Dan ir-ragunament il-Qorti qed taghmlu ghax il-ligi titfa presunzjoni juris tantum fuq l-akkuzat biex jipprova sal-grad tal-probabbli li ma kienx hu li baghbas l-istess meter, dan a bazi tal-Artikolu 264 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero tqis din il-Qorti li kif dedotta l-akkuza ma jirriflettix fil-verita d-dati vera ta' meta l-allegat ellettriku kkunsmat gie illegalment mbaghbas. Terga tghid u ssostni l-Qorti li hija konvinta anke minhabba l-istat li nstab fih l-istess meter u tenut kont tar-record of consumption f'certu perjodi li tbaghbis kien hemm pero hija konvinta wkoll li dan it-tbaghbis mhux rifless fid-dati kollha inkluzi fl-akkuza. Ghal daqstant, in vista ta' hekk biss qed tillibera lil Emanuel Camilleri mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------